**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 113/2001**

**Il-Pulizija ( Sp. Patrick Spiteri )**

**Vs**

**RODERICK ABELA**

**Illum, 2 ta'Ottubru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Roderick Abela cioe' :

1. Fuq talba tad-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili talli fil-15 ta'Novembru, 1997 u/jew f'xi data qabel, f'Birkirkara, instab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu apparat tat-telegrafija minghajr fili, ossia Scanner tal-marka Netset minghajr ma kellu licenzja tad-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili ;
2. Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tas-Sisa, talli fil-15 ta'Dicembru, 1997, u/jew f'xi data qabel, f'Birkirkara, kellu fil-pussess tieghu Scanner

tal-marka Netset bi ksur ta' l-Ordinanza tad-Dwana u ta' l-Att Dwar it-Taxxa tad-Dwana u Sisa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 23 ta'Mejju, 2001, li biha ma sabetx lill-Roderick Abela hati fuq it-tieni akkuza w illiberatu minnha, izda sabitu hati fuq l-ewwel akkuza w ikkundannatu ghall-ghoxrin lira Maltin (Lm20) Multa, kif ukoll ordnat il-konfiska ta' l-Iscannar in kwistjoni.

Rat ir-rikors t'appell ta'Roderick Abela datat 4 ta'Gunju, 2001, li bih talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, u thassarha, tirrevokaha u tikkancellaha fil-parti fejn sabitu hati w, konsegwentement, tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi fil-fehma ta' l-appellant l-ewwel Qorti kienet ghamlet apprezzament erronju tal-provi u tal-ligi.

Illi l-akkuza dedotta kontra l-appellant hija dik ai termini ta' l-Artikolu 3 (1) tal-Kap. 49, li hija l-Ordinanza Dwar it-Telegrafija Minghajr Fili. Ma hemm ebda dubju li l-apparat, l-iscanner elevat mill-pussess ta' l-appellant, jinkwadra fid-definizzjoni ta' apparat ta'telegafija minghajr fili skond din l-Ordinanza.

Issa l-imsemmi Artikolu 3 tal-Kap. 49 jirrikjedi li b'mod generali apparati ta'din ix-xorta, cioe' dawk li jxandru minghajr fili, jkunu soggetti ghall-licenzja mahruga mill-Ministru responsabbli ghat-telegrafija minghajr fili.

Jirrizulta mix-xhieda ta'Ivan Borg, rappresentant tad-dipartiment tat-telegrafija minghajr fili, li l-apparat li kien fil-pussess ta' l-appellant u li kien gie elevat minnu mir-residenza ta' l-appellant fil-5 ta'Jannar, 1997, kien wiehed li jircievi tramissjonijiet biss u ma jittrasmettiex.

Illi hu ovvju ghalhekk, li hawnhekk jiskatta l-proviso ta' l-imsemmi Artikolu 3 (1) tal-Kap. 49, fis-sens li skond dan il-proviso, il-licenzja msemmija taht l-Artikolu 3 (1) ma tkunx mehtiega meta si tratta ta' xi apparat ghar-ricezzjoni ta' xandir bis-smiegh biss. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-'policy' imsemmija minn Ivan Borg li d-dipartiment tieghu ma jaghtix licenzji ghat-tip ta'apparat in kwistjoni l-ghaliex ma kienx 'airband' biss u kellu l-possibilita' li jaqbad il-frekwenzi kollha, inkluzi telefonati li jsiru permezz ta' 'mobile phones', hija rrelevanti fil-kwistjoni in ezami l-ghaliex 'policy' hija haga amministrattiva u f'dan il-kaz ma tirrizultax jew ma tohrogx mill-Ordinanza Dwar it-Telegrafija Minghajr Fili. Ghalhekk 'policy' ma tissostitwixxiex dan il-proviso ta' l-Artikolu 3 (1) tal-Kap. 49. Jibqa' l-fatt li l-apparat in kwistjoni huwa wiehed li jircievi xandiriet biss, irrespettivament ta'liema xorta jkunu, ma jittrasmettiex, u ghalhekk f'dan il-kaz japplika l-imsemmi proviso li in bazi tieghu mhiex mehtiega licenzja.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' l-appell ta'Roderick Abela, u filwaqt li qed tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, qed thassarha u tirrevokaha fil-bqija, inkluz kull ordni moghti mill-ewwel Qorti, tilliberah minn kull akkuza, htija w piena, u tordna r-rilaxx favur tieghu ta' l-apparat in kwistjoni.

Aldo Testone
Deputat Registratur